SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 T'OTTUBRU 2001

Avviz Nru 297/99DM

Paul Aquilina u Ludgarda

Vs

Marlon Barbara u Vince Grech in rapprezentanza tal-Ghaqda Armar San Bastjan AD 1984

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghal kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu is-somma ta' LM 397 ta' danni kagunati fil-bini tal-atturi meta l-konvenuti ghamlu xogholijiet ta' bini fil-fond tal-atturi appogg ma 249, Main Street, Qormi, oltre l-ispejjez tal-perit tekniku li jammontaw ghall-Lm40.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni. Bl-imghax min-notifika tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Gunju 1998 u bl-ispejjez taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. L-intempestivita` tal-azzjoni odjerna stante illi l-konvenuti kienu offrew li jaghmlu tajjeb ghad-danni kawzati lill-atturi appena jigu kompletati x-xogholijiet ta' bini fil-fond in kwistjoni.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni id-danni reklamati huma esagerati u ma jiriflettux id-danni effettivament kawzati hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tal-10 ta' Dicembru 1999 fejn gie nnominat lil AIC Joseph Mizzi bhala perit tekniku.

Rat in-nota tal-attur Paul Aquilina ipprezentata fid-19 ta' Lulju 2000.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku pprezentat fis-27 ta' Ottubru 2000.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikunsidrat:-

Illi ghalkemm il-konvenut eccipew preliminarjament l-intempestivita` tal-azzjoni, huma ma pproducewx xi provi li jistabilixxu illi kienu pronti jaghmlu tajjeb ghal hsarat kollha illi l-atturi qed jallegaw li sofrew f'din il-kawza.

Bid-deposizzjoni ta' Vincent Grech il-konvenut jirrizulta biss illi kull m'offrew il-konvenuti huwa illi kienu lesti li jaghmlu tajjeb ghal xi spejjez ta' zebgha. Dan wahdu mhux sufficjenti biex wiehed jista` jghid illi kien ittermina il-pendenzi u offra li jaghmel tajjeb ghal dak kollu li kienu qedghin jippretendu l-atturi. In oltre lanqas ma jirrizulta illi l-istess konvenuti iddepositaw xi somma anke biex taghmel tajjeb bis ghal ispejjez taz-zebgha.

Ghaldaqstant issib illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti m'hiex sorretta mill-provi u ghalhekk qieghda tichad dina l-eccezzjoni.

Fil-mertu li jirrigwarda principalment il-quantum tad-danni li sofrew l-atturi, il-Qorti qieghda taghmel riferenza ghar-relazzjoni peritali fejn jirrizulta illi ghalkemm il-perit tekniku ma setax jaghmel konstatazzjonijiet personalment dwar l-entita` tax-xogholijiet illi saru mill-atturi biex jirrimedjaw ghal hsarat, huwa kien sodisfatt illi d-dokumenti esebiti mill-persuni li esebew ix-xogholijiet u mill-perit illi dderigihom, illi l-ammonti illi dawn

kienu taw bhala stima kienu ammonti reali. L-uniku dubju tal-perit tekniku kien dwar l-istat tal-fond tal-atturi anke qabel ma gie iddannegjat u dan peress illi ir-riparazzjonijiet li effetivament saru setghu ukoll ibenifikaw lil atturi billi l-hajt divizorju gie mqieghed fi stat ahjar milli kien qabel ma gie dannegjat.

Ghaldaqstant filwaqt illi l-Qorti tadotta il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku, qieghda tiehu ukoll in konsiderazzjoni dak il-beneficcju illi setghu approfittaw minnu l-atturi bir-riparazzjonijiet u qieghda arbitrio boni viri tistabilixxi illi d-danni totali illi sofrew l-atturi bix-xogholijiet lamentati tal-konvenuti, ghandu jkun fis-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350). Ghal dawn il-motivi qieghda tilqa it-talba attrici u qieghda tikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lil atturi is-somma hekk likwidata ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) bl-imghax legali b'effett mill-llum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Mag. Dr. D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep/Reg